# L-Artal tal-Qalb ta' Ġesù

## *fil-Knisja tas-Sacro Cuor f' Tas-Sliema*



**Mario Fenech**

L-ewwel artal li ssib fuq in-naħa tax-xellug tal-korsija hekk kif tidħol fil-Knisja tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema huwa dak iddedikat lill-Qalb ta' Ġesù.

Dan l-artal kien żdied ma' ieħor faċċata tiegħu fejn illum hemm in-niċċa tal-Istatwa Titulari tal-Madonna meta lejn nofs is-snin tletin tas-seklu kienet ġiet mkabbra l-knisja u mibnija l-faċċata l-ġdida fuq id-disinn tal-Perit Rafel Pitre.

Il-kwadru ta' fuq l-artal huwa wieħed sabiħ u bħal dak ta' fuq l-artal maġġur tal-knisja u ta' fuq l-artal ta' San Ġużepp huwa xogħol tas-sorijiet Franġiskani ta' Marija ta' Ruma.



Dawn iż-żewġ kwadri ta' l-aħħar kienu saru biex jieħdu l-post ta' dawk li kienu nqerdu bil-bombi tal-għadu meta ntlaqtet il-Knisja matul it-Tieni Gwerra Dinija.

F'din il-knisja l-fratellanza tas-S.S.M.U. Sagrament minbarra li tieħu ħsieb tagħmel il-festa ta' Corpus Christi, tagħmel ukoll il-festa tal-Qalb Mqaddsa ta' Ġesù.

F'dawn iż-żewġ festi għalkemm għadha ssir fihom il-purċissjoni, din kellha tiġi ristretta fuq rotot iqsar mingħajr il-waqfien biex tingħata l-Barka Sagramentali minħabba l-problema kbira tat-traffiku li hemm f'Tas-Sliema.

Fuq l-artal f'dawn iż-żewġ festi kif ukoll għall-festa titulari jintramaw sett gandlieri skolpiti fl-injam indurati bid-deheb kif ukoll sett ta' statwetti ta' Profeti wkoll indurati bid-deheb u sgraffiti maħdumin mill-Istatwarju Sliemiż Toninu Cuschieri fis-snin sittin.

Matul dawn l-aħħar ftit snin l-apparat kollu li jintrama fuq dan l-artal qed jiġi rrestawrat. Fost dan ix-xogħol ta' restawr hemm ukoll dak tal-vintartal li għandu jkun lest għall-festa ta' din is-sena. Żdied ukoll fuq l-iskanell tal-artal il-kwadru tal-Beata Adeodata Pisani.

Għalkemm f'din il-knisja f'wieħed mill-kappelluni l-kbar li hemm fuq in-naħa tal-lemin tal-artal maġġur kien hemm diġà l-artal tas-S.S.M.U. Sagrament li fuqu hemm l-akbar xena maħduma fil-mużajk li nsibu fil-Gżejjer Maltin, meta tkabbret il-knisja nħasset il-ħtieġa li jiżdied ma dawk li kien hemm qabel mal-artal iddedikat lil Qalb Mqaddsa ta' Ġesù. Wara kollox hekk kien xieraq li jsir meta din il-parroċċa hija taħt il-ħarsien t'Ommna Marija bit-Titlu Tas-Sultana tal-Qalb Ħelwa ta' Ġesù.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.